malta
biennale
.art 2026

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
VALLETTA, Malta, 5 ta' Mejju, 2025

## IL-PRESIDENT TA' MALTA TAGĦTI L-PATROĊINJU TAGĦHA LILL-MALTA BIENNALE 2026

Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, għarrfet lil Heritage Malta li se tkun qed tagħti l-patroċinju tagħha lit-tieni edizzjoni tal-Malta Biennale. Il-Biennale ta' Malta se jkun qed jittella' bejn il-11 ta' Marzu u d-29 ta' Mejju tas-sena d-dieħla.

Bħall-ewwel edizzjoni, il-Malta Biennale se jkun qed jittella' fil-mużewijiet u siti storiċi li Heritage Malta għandha kemm fil-Belt Valletta kif ukoll fil-Birgu, fix-Xagħra u fiċ-Ċittadella t'Għawdex. Bħalissa, waqt li hemm għaddejja sejħa internazzjonali għal proposti artistiċi, l-applikazzjonijiet minn artisti diġà qabżu l-100 u ġejjin minn għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja.

L-ewwel edizzjoni ta' dil-pjattaforma internazzjonali tal-arti kontemporanja saret is-sena li għaddiet, matul l-istess perjodu li se tkun qed tittella' t-tieni edizzjoni s-sena d-dieħla. Huwa l-perjodu li fih il-kultura tal-poplu Malti tkun fl-aqwa tagħha bit-tradizzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li jkunu għaddejjin u li jikkumplimentaw il-wirjiet internazzjonali tal-arti li jkunu qed iseħħu fil-mużewijiet u s-siti storiċi Maltin. Il-Malta Biennale kiseb suċċess kmieni, b'għadd ta' ġurnali u rivisti internazzjonali jiktbu dwaru tant li pajjiżna tpoġġa fil-kalendarju dinji tal-arti kontemporanja. Dil-wirja internazzjonali tal-arti hija parti minn programm ta' Heritage Malta biex tagħti rilevanza ikbar fis-soċjetà lill-mużewijiet u s-siti storiċi tagħna billi jkun hemm djalogu mal-istorja permezz tal-arti kontemporanja ħalli jiġi interpretat aħjar illum.

Id-direttur artistiku tal-Malta Biennale tas-sena d-dieħla se tkun Rosa Martínez, kuratriċi magħrufa internazzjonalment li kkurat għadd ta' biennali, inkluż il-Biennale prestiġjuż ta' Venezja. Hemmhekk kienet l-ewwel mara li kkurat dak il-biennale f'iktar minn 100 sena ta' storja tiegħu. It-tema tal-Malta Biennale 2026 hija: Tnaddaf | Tgħarraf | Tferraq (Clean | Clear | Cut).

malta
biennale
.art 2026

Bħalissa hemm miftuħa tliet sejħiet internazzjonali: dik għall-artisti, oħra għall-padiljuni u oħra għal attivitajiet li jkunu fil-programm tal-Biennale imma mhux parti integrali minnu (satellite events). Is-sejħa għall-artisti tkun miftuħa sat-30 ta' Ġunju, dik tal-padiljuni sad-29 ta' Awwissu, u dik tal-proġetti satellita sal-25 ta' Lulju. Dawn is-sejħiet huma disponibbli fuq il-website tal-Biennale: www.maltabiennale.art

*Il-Malta Biennale huwa mtella' minn Heritage Malta bi sħubija mal-Kunsill Malti għall-Arti u b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif ukoll VisitMalta.*

**Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Lisa Gwen Chetcuti fuq: communications@maltabiennale.art**

**maltabiennale.art qiegħed online:**
**Website uffiċjali: www.maltabiennale.art**
**Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art**

***NB lill-edituri: Isem Rosa Martínez għandu jinkiteb sħiħ – isem u kunjom. Grazzi.**